31998D0596

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
ta' l-14 ta' Ottubru 1998
li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/602/KE dwar il-lista msemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3254/91 u fl-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 35/97

(notifikata taħt id-dokument numru C (1998) 3064)

(98/596/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3254/91 ta' l-4 ta' Novembru 1991 li jipprojbixxi l-użu ta' nases li jżommu s-saqajn fil-Komunità u l-introduzzjoni fil-Komunità ta ġlud bil-pil u xi oġġetti fabbrikati minn xi speċji ta' annimali selvaġġi li joriġinaw f'pajjiżi li jaqbduhom permezz ta' nases li jżommu s-saqajn jew metodi ta' nsib li ma jissoddisfawx l-i *standards* internazzjonali ta' nsib b'mod uman [1], u partikolarment it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 35/97 ta' l-10 ta' Jannar 1997 li jippreskrivi dispożizzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni tal-ġlud bil-pil u oġġetti koperti bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3254/91 [2], u partikolarment l-Artikolu 1(1)(a) tiegħu, jgħodd biss rigward l-importazzjoni tal-ġlud bil-pil ta' annimali mhux imwielda u mrobbija fil-magħluq minn pajjiżi illi jidhru fil-lista msemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3254/91;

Billi l-lista stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 97/602/KE [3], kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/188/KE [4], tista' kun biss ta' natura transitorja; billi għandha tiġi emendata immedjatament kif tevolvi s-sitwazzjoni, partikolarment fiċ-ċirkostamzi koperti mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru No 3254/91, sabiex ma trażżanx in-negozju fil-pili u fil-prodotti relatati mal-pil;

Billi informazzjoni li rċiviet il-Kummissjoni mir-Repubblika tal-Kroazja tindika li dak il-pajjiż jipprojbixxi l-użu ta' nases li jżommu s-saqajn;

Billi, b'effett mill-1 ta' Ġunju 1997, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċji tal-*fauna* u l-*flora* selvaġġi billi jiġi regolat il-kummerċ fihom [5] imħassar u sostitwit mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3626/82 [6]; billi, għalhekk il-kumitat li għalih hemm provdut fl-Artikolu 19 tar-Regolament (KEE) Nru 3626/82 ġie sostitwit mill-kumitat li għalih hemm provdut fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 338/97;

Billi l-miżuri li hemm provduti għalihom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-kumitat imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 3254/91,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/602/KE huwa b'dan mibdul bl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi fis-seħħ fl-20 ġurnata wara l-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-14 ta' Ottubru 1998.

Għall-Kummissjoni

Ritt BJERREGAARD

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 308, tad-9.11.1991, p. 1.
[2] ĠU L 8, tal-11.1.1997, p. 2.
[3] ĠU L 242, ta' l-4.9.1997, p. 64.
[4] ĠU L 70, ta' l-10.3.1998, p. 28.
[5] ĠU L 61, tat-3.3.1997, p. 1.
[6] ĠU L 384, tal-31.12.1982, p. 1.

L-ANNESS

Pajjiż	Speċi
Il-Beliże	*Procyon lotor*
Il-Bulgarija	*Canis lupus*
Il-Kanada	*Canis latrans* *Canis lupus* *Castor canadensis* *Felis rufus* *Lutra canadensis* *Lynx canadensis* *Martes americana* *Martes pennanti* *Mustela erminea* *Ondatra zibethicus* *Procyon lotor* *Taxidea taxus*
Ir-Repubblika taċ-Ċina	*Canis lupus* *Martes zibellina* *Mustela erminea* *Ondatra zibethicus*
Ir-Repubblika tal-Kroazja	*Martes zibellina* *Mustela erminea* *Ondatra zibethicus*
Ir-Repubblika Ċeka	*Canis lupus* *Mustela erminea* *Ondatra zibethicus*
El Salvador	*Procyon lotor*
Groenlandja	*Canis lupus*
L-Ungerija	*Mustela erminea* *Ondatra zibethicus*
Il-Ġordan	*Canis lupus*
Ir-Repubblika tal-Korea	*Martes zibellina* *Canis lupus*
Il-Lebanon	*Canis lupus*
Il-Messiku	*Canis lupus* *Castor latrans* *Castor canadensis* *Felis rufus* *Ondatra zibethicus* *Procyon lotor* *Taxidea taxus*
Il-Moldova	*Canis lupus* *Mustela erminea*

Pajjiż	Speċi
In-Nikaragwa	*Procyon lotor*
In-Norveġja	*Canis lupus* *Mustela erminea* *Ondatra zibethicus*
Il-Pakistan	*Canis lupus* *Mustela erminea*
Il-Panama	*Procyon lotor*
Il-Polonja	*Canis lupus* *Martes zibellina* *Mustela erminea* *Ondatra zibethicus*
Ir-Rumanija	*Canis lupus*
Il-Federazzjoni Russa	*Canis lupus* *Martes zibellina* *Mustela erminea* *Ondatra zibethicus* *Procyon lotor*
Ir-Repubblika Slovakka	*Canis lupus* *Martes zibellina* *Mustela erminea*
Ir-Repubblika Slovena	*Canis lupus* *Ondatra zibethicus*
It-Turkija	*Canis lupus*
L-Istati Uniti ta' l-Amerika	*Canis latrans* *Canis lupus* *Castor canadensis* *Felis rufus* *Lutra canadensis* *Lynx canadensis* *Martes americana* *Martes pennanti* *Mustela erminea* *Ondatra zibethicus* *Procyon lotor* *Taxidea taxus*